Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,345, 8 ta' Ottubru, 1996
Taqsima B

A.L. 187 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR SELF LOKALI (ATT NRU. XII TA' L-1996)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm2,250,000 addizzjonali 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (IL-ĦAMES ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1996 dwar Self Lokali u bl-artikolu 4(1)(a), ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, minħabba li kien hemm applikazzjonijiet iktar milli kien hemm *Stock*, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ addizzjonali ta' Lm2,250,000 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (V) mat-Lm3,000,000 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (V) maħruġin permezz ta' l-Avviż Legali Nru. 175 ta' l-1996 ippubblikat fl-10 ta' Settembru, 1996, bl-istess kundizzjonijiet, sabiex b'hekk l-ammont totali ta' 6.3% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 1999 (V) ikun ta' Lm5,250,000. L-applikazzjonijiet kollha li waslu sad-data ta' l-għeluq 28 ta' Settembru, 1996 ser jiġu milqugħa.